



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2023
SWD(2023) 60 final/2

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti u li jemenda r-Regolament
(UE) 2017/2394, id-Direttivi (UE) 2019/771 u (UE) 2020/1828

{COM(2023) 155 final} - {SEC(2023) 137 final} - {SWD(2023) 59 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar l-inizjattiva dwar il-konsum sostenibbli tal-oġġetti — il-promozzjoni tat-tiswija u l-użu mill-ġdid
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhil-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
L-inizjattiva twettaq il-prijorità tal-Kummissjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, speċifikament il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġġettiv tiegħu ta' konsum sostenibbli. Meta l-prodotti tal-konsumatur isiru difettużi, ta' sikwit il-konsumaturi ma jippruvawx isewwuhom jew jużawhom mill-ġdid, iżda jarmuhom qabel iż-żmien għalkemm il-prodotti jkunu jistgħu jissewwew u jerġgħu jintużaw. Dan jiġri meta l-konsumaturi jagħżlu sostituzzjoni minflok tiswija skont il-garanzija legali tad-Direttiva dwar il-Bejgħ tal-Oġġetti (SGD) u barra mill-garanzija legali meta l-konsumaturi ma jagħżlux li jsewwu. Dan iwassal għal żieda fl-iskart iġġenerat u fl-emissjonijiet tas-CO₂ bla bżonn kif ukoll għal ħela ta' riżorsi siewja. Il-problema tar-rimi prematur ta' oġġetti tal-konsum li jistgħu jissewwew teżisti madwar l-UE u f'firxa wiesgħa ta' oġġetti ta' konsum. Aktar minn żewġ terzi ta' dawk li wiegħbu għall-konsultazzjoni pubblika (65-74 %) appoġġaw is-soluzzjoni tal-problema fil-livell tal-UE.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
Sabiex tippromwovi l-konsum sostenibbli permezz tat-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti vijabbli tal-konsumatur, din l-inizjattiva għandha l-għan li żżid it-tiswija ta' oġġetti tal-konsumatur difettużi u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti kemm taħt il-garanzija legali kif ukoll barra minnha. Il-Kummissjoni qed issegwi l-oġġettiv tal-Patt Ekoloġiku ta' konsum sostenibbli b'manjiera olistika. Min-naħa tal-provvista, il-proposta għal Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (Ecodesign for Sustainable Products Regulation, ESPR) tippromwovi l-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti. Min-naħa tad-domanda, il-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika (ECGT) tippermetti lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri. Peress li waħedhom dawn iż-żewġ proposti ma jwasslux għal aktar tiswijiet fil-fażi ta' wara l-bejgħ, din l-inizjattiva żżid it-tielet dimensjoni. Tippromwovi t-tiswija bħala rimedju matul il-garanzija legali u ttipprovdi għodod ġodda lill-konsumaturi u lin-negozji li jippromwovu t-tiswija barra mill-garanzija legali. Dawn it-tliet miżuri kollha għandhom l-għan li jiksibu konsum aktar sostenibbli. Huma mfassla biex ikollhom effett kumulattiv u flimkien ikopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' prodott partikolari. Għaldaqstant, dawn għandhom jitqiesu flimkien.
X'inhil-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
L-SGD diġà armonizzat ir-rimedji għal oġġetti ta' konsum difettużi b'mod sħiħ. Jekk dawn ir-regoli għandhom jinbidlu sabiex jiġu promossi t-tiswija u l-użu mill-ġdid tal-oġġetti taħt il-garanzija legali, dan jeħtieġ li jsir fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, miżuri li jippromwovu t-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti tal-konsumatur barra mill-garanzija legali fil-livell nazzjonali joħolqu jew iżidu l-frammentazzjoni fis-Suq Uniku.
B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi għażliet sabiex jintlaħqu l-oġġetti? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

L-għażliet għall-promozzjoni tat-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti **taħt il-garanzija legali** huma: il-prijoritizzazzjoni tat-tiswija fis-sistema ta' rimedji tal-SGD kull meta tkun irħas mis-sostituzzjoni; it-tiswija ssir ir-rimedju primarju; l-estensjoni tal-perjodu ta' responsabbiltà fil-kuntest tat-tiswija; l-allinjament tal-perjodu ta' responsabbiltà tal-oġġetti rikondizzjonati ma' oġġetti ġodda u s-sostituzzjoni ta' oġġetti difettużi b'oġġetti rikondizzjonati.

L-għażliet għall-faċilitazzjoni u l-inkoraġġiment tat-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti **taħt il-garanzija legali** huma: l-għoti ta' informazzjoni dwar it-tiswija min-naħa tal-produtturi u permezz ta' pjattaforma ta' pariġġar dwar it-tiswija u l-oġġetti rikondizzjonati fil-livell nazzjonali jew tal-UE; it-tiswija tat-trasparenza u l-kundizzjonijiet għat-tiswija permezz ta' impenji volontarji; l-obbligu li s-sewweġja joħroġ kwotazzjoni tat-tiswija dwar il-prezz u l-kundizzjonijiet għat-tiswija, u l-obbligu tal-produtturi li jsewwu oġġetti soġġetti għal rekwiżiti ta' tiswija skont il-liġi tal-UE jew il-prodotti kollha bi prezz.

Il-pakkett tal-għażliet ippreferuti jinkludi elementi miż-żewġ raggruppamenti, b'enfasi fuq l-indirizzar tat-tiswija lil hinn mill-garanzija legali peress li l-akbar sehem ta' difetti joħroġ fid-dieher f'dan ix-xenarju u għalhekk il-potenzjal li tiżdied it-tiswija huwa l-oġġetiv. L-għażla ppreferuta hija magħmula mill-għażliet li ġejjin:

- Prijoritizzazzjoni tat-tiswija kull meta tkun irħas mis-sostituzzjoni matul il-garanzija legali.
- Obbligu fuq il-produtturi li jinfurmaw jekk joffru tiswija u dwar l-obbligu possibbli tagħhom li jsewwu.
- Pjattaforma fil-livell nazzjonali, pariġġar tal-konsumaturi ma' sewweġja ta' oġġetti ewlenin tal-konsumatur, u l-promozzjoni ta' oġġetti rikondizzjonati.
- Impenji volontarji tal-UE dwar standard ta' tiswija faċli.
- Obbligu fuq dawk li joffru t-tiswija li joħroġ offerta dwar il-prezz u l-kundizzjonijiet għat-tiswija f'forma standardizzata.
- Obbligu fuq il-produtturi ta' oġġetti soġġetti għal rekwiżiti ta' tiswija skont id-dritt tal-Unjoni li jsewwu barra mill-garanzija legali bi prezz.

X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Maġġoranza ċara tal-partijiet ikkonċernati li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika qablu mal-problemi identifikati.

Maġġoranza żgħira tal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluża maġġoranza ta' ċittadini tal-UE, partijiet ikkonċernati tan-negozju u awtoritajiet pubbliċi li wieġbu qiesu l-għażla tal-prijoritizzazzjoni tat-tiswija, kull meta tkun irħas mis-sostituzzjoni, bħala waħda effettiva. Il-maġġoranza tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u dawk ambjentali kienu tal-fehma li l-miżura hija ineffettiva. Diversi Stati Membri kienu favur din l-għażla.

Nofs il-partijiet ikkonċernati kollha li wieġbu appoġġaw l-effettività tal-impenji volontarji li jippromwovu t-tiswija. Il-partijiet ikkonċernati tan-negozju, b'mod partikolari, kienu tal-fehma li din il-miżura hija effettiva, filwaqt li l-maġġoranza tal-organizzazzjonijiet ambjentali li wieġbu u nofs l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi kienu tal-opinjoni li l-miżura ma hijiex effettiva.

Dwar l-obbligu tal-produttur li jsewwi bi prezz, maġġoranza żgħira ta' dawk li wieġbu qiesu li dan jenħtieġ li japplika meta d-difetti jirriżultaw minn tkagħbir bl-użu, u nofshom qiesu li dan għandu japplika fejn iseħħu

difetti wara li tiskadi l-garanzija legali. Il-partijiet ikkonċernati tan-negozju kellhom fehma differenti: kienet biss minoranza fosthom li qieset li d-difetti li jirriżultaw mit-tkagħbir bl-użu jenħtiegħ li jiġu koperti.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-impatt ambjentali tal-għażla ppreferuta għandu jittqies flimkien ma' dawk tal-ESPR u l-ECGT, peress li huma mfassla li jkollhom effett kumulattiv. Fi 15-il sena din l-inizjattiva se tiffirka 18,4 miljun tunnellata ta' CO₂, filwaqt li l-ESPR se jiffirka 471 miljun tunnellata u l-ECGT bejn 0,33 u 0,47 miljun tunnellata. Għaldaqstant, l-impatt ambjentali kkombinat huwa sinifikanti sew. L-iffirka ta' CO₂ tal-ESPR huwa ħafna ogħla peress li l-ESPR qed jimmira għal bidliet estensivi fil-manifattura tal-prodotti, iżda fl-istess ħin din l-inizjattiva tiffirka ammont aktar konsiderevoli ta' CO₂ meta titqabbel mal-ECGT. L-inizjattivi jgħinu wkoll lil xulxin biex jiġġeneraw l-impatt tagħhom. In-negozji se jiffaċċjaw telf minħabba bejgħ mitluf u produzzjoni mnaqqsa ta' oġġetti ġodda. L-iffirka sinifikanti ħafna tal-konsumaturi (EUR 176,5 biljun fi 15-il sena) jaqbeż l-kostijiet tan-negozji. Il-pakkett ta' għażliet ippreferuti jibdel ix-xejriet tal-konsum tal-konsumaturi lejn is-sostenibbiltà fit-tul sabiex il-konsumaturi jonfqu anqas flus għaliex jikkonsomaw anqas. Għaldaqstant, it-telf tan-negozji jirrifletti trasferiment mid-dħul tan-negozji lejn il-benesseri tal-konsumaturi u l-konsumaturi x'aktarx li jinvestu l-flus li jiffirkaw fl-ekonomija ġenerali, li min-naħa tagħha se twassal għal tkabbir u investiment.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-kummerċjanti u l-produtturi tal-UE se jġarrbu telf fil-VMG minħabba tnaqqis fil-bejgħ u fil-produzzjoni ta' oġġetti ġodda u peress li jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda ta' informazzjoni u mal-obbligu tat-tiswija. Il-kostijiet tal-aġġustament tan-negozju huma għoljin iżda mhumiex inadegwati meta jittqies l-impatt sostanzjali tal-inizjattiva.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?
L-SMEs se jġarrbu wkoll il-kostijiet tan-negozju li ssemew hawn fuq. Għalkemm l-aġġustament u l-kostijiet amministrattivi relatati mad-dħul tan-negozju huma sproporzjonatament ogħla għall-SMEs, il-bilanċ globali tal-kostijiet u l-benefiċċji taħt l-għażla ppreferuta mistenni li jkun kemxejn ta' benefiċċju għall-SMEs kollha kemm huma. Ir-raġuni hija li l-SMEs fis-settur tat-tiswija se jibbenefikaw, filwaqt li s-settur tal-manifattura u tal-bejgħ bl-imnut, inklużi l-SMEs f'dan is-settur, se jkunu kemxejn żvantaġġati mill-inizjattiva.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
L-awtoritajiet pubbliċi mhumiex mistennija li jħabbtu wiċċhom ma' kostijiet sinifikanti relatati mal-infurzar. Il-pjattaforma nazzjonali se twassal għal xi kostijiet għall-iżvilupp tal-IT u l-manutenzjoni tal-pjattaforma, kif ukoll għas-sensibilizzazzjoni.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Il-produtturi ta' pajjiżi terzi jistgħu jġarrbu telf minħabba tnaqqis fil-bejgħ ta' oġġetti importati ġodda. Madankollu, dan l-impatt jista' jkollu wkoll impatt globali pożittiv aktar fit-tul peress li dawk il-produtturi jistgħu jiksibu inċentiv biex jaqilbu għall-produzzjoni ta' oġġetti aktar durabbli.

Proporzjonalità?

Il-pakkett ta' għażliet ippreferuti jippreżenta approċċ ibbilanċjat li jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Għall-promozzjoni tat-tiswija fil-kuntest tal-garanzija legali, il-liġijiet nazzjonali huma emendati biss sal-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv. L-għażla ma tinterferixx ma' arranġamenti nazzjonali stabbiliti sew dwar il-perjodi ta' responsabbiltà. Fir-rigward ta' għażliet oħra li jaqgħu barra mill-garanzija legali, l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE hija limitata biss għal dawk l-għażliet, b'mod partikolari l-kwotazzjoni u l-obbligu ta' tiswija, li għandhom dimensjoni li taqa' taħt is-suq intern. Meta soluzzjoni fil-livell nazzjonali tkun effettiva, jiġifieri l-pjattaforma tat-tiswija, din tkun l-għażla ppreferuta. Fil-kuntest tal- "istandard ta' tiswija faċli", id-disinn tal-għażla huwa msawwar bħala impenn volontarju biex tiġi evitata interferenza estensiva fil-liġijiet nazzjonali li jirregolaw is-servizzi.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

L-inizjattiva se tiġi evalwata 5 snin wara li tidħol fis-seħħ.